MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru. 57/2002

**Il-Pulizija**

**(Supt. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Francis Vella**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francis Vella, Joseph u Rosanna, karta tal-identita' numru 210966 (G) kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli f'dawn il-Gzejjer, mill-fond OBSESSIONS, sitwat f'numru 13, Triq is-Suq, ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-25 ta' Lulju 2002, ghall-habta tal-11.00 ta' filghodu:

a. xjentement ghamilt uzu ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi, ADIDAS; NIKE; FERRARI; GUCCI; CARTIER; u CK li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew bieghejt merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhalt deskrizzjoni kummercjali falza, jew qeghdt fic-cirkolazzjoni bieghejt jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghal hsieb ta’ kummerc, hwejjeg, arloggi u numru ta’ brieret b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, dan bi ksur tal-Artikolu 298 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, iddupplikajt, jew mod iehor ipproducejt jew ikkoppjajt, jew bieghejt, qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra, jew hwejjeg u cioe’ hwejjeg, arloggi u numru ta’ brieret, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkolha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zammejt miftuh il-fond OBSESSIONS sitwat f’numru 13, Triq is-Suq, Rabat, Ghawdex, liema fond huwa post kummercjali , meta inti mintix id-detentur dwar tali post mhux licenzjat mill-awtorita’ regolatorja bi ksur tal-artikolu 13 u 29 ta’ Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-impuat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi odjeri wara illi fil-25 ta’ Lulju 2002, fil-hanut OBSESSIONA, kellu esposti ghall-bejgh T-shirts, brieretu

arloggi ta' marki rinomati li mill-ewwel kienu jidhru li ma kienx originali. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ddikjara illi ma kienx jaf li l-oggetti kienu foloz ghaliex mhux biss ma kienx jixtrihom talli anqas kien jurihom fuq barra.

L-espert nominat mill-Qorti kkonkluda illi dawn il-kpiepel kienu kopji foloz u li kienu kellhom diversi nuqqasijiet vizibbli sia fir-riproduzzjoni tal-emblema, fil-materjal u l-hjata. L-istess espert wasal ghall-konkluzzjoni tieghu wara li qabbel l-oggetti maqbuda mal-marki originali kif ukoll mad-diversi karatteristici tal-oggett fl-original tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 299 tal-Kap 9 johloq prezunzjoni *juris tantum* kontra l-imputat li jitqies li mexa dolozomant kemm il-dabra ma jippruvax li ma kellux hsieb doluz. Inoltre l-artikolu 300 tal-istess kap jipprovdi illi l-prova li l-imputat kellu l-kunsens tas-sid sabiex jaghmel uzu minn dawn il-marki tmiss lill-imputat. L-imputat oltre id-dikjarazzjoni tieghu lill-pulizija waqt l-interogatorju xehed ukoll quddiem din il-Qorti u qal li dawn l-oggetti kien xtrahom minn Catania u ma kienx jaf li kienu foloz. Huwa iddikjarhom mad-Dwana ta' Malta u kien ukoll hallas xi dazju. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat, bhala persuna intiza fin-negozju tal-hwejjeg ma rnexxilux jinnewtralizza din il-prezunzjoni;

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghat-tielet akkuza u dan stante li din hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur u ghal dan qed tilliberah mit- tielet akkuza;

Wara li rat l-artikoli 298 (1) (c) u 298B

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Stante li minkejja l-artikolu 298 jipprovdi ghal-piena ta' habs minn erba xur sa sena, din il-piena ma tidhirx wahda idonea ghall-kaz in dizamina tenut kont tal-fedina penali nadifa tal-imputat tghazel illi tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn lira maltin (LM2000).

Tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------